# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 22**

8 ta' Lulju 2020

It-tnejn u għoxrin (22) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 8 ta' Lulju 2020 fis-2pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Kevin Borg Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi qalet li f'isem il-Kunsill tixtieq tifraħ lit-team tal-Floriana FC li ġew iddikjarati champions tal-istaġun tas-sena 2020. Il-Kunsill awgura lill-Floriana FC għar-rebħ tal-kampjonat.

### 22.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

22.1.1. Is-Sindku ressqet ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera JP li nformat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi skużata.

22.1.2. Is-SE informa lill-Kunsill li bil-liġi, is-settur privat kien imħeġġeġ jagħmel l-aħjar li jista' sabiex jikkopera mal-kunsilliera fil-qadi tad-dmirijiet pubbliċi tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Kunsilliera JP sabiex jekk taqbel, tkun tista' tintbagħat ittra uffiċjali lill-kumpanija li tħaddimha.

### 22.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

22.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

22.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku GD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, GD, DSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

22.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 21.5.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-isleeping policeman ta' Triq San Publju. Is-Sindku nformat li kienet reġgħet tkellmet ma' Infrastructure Malta u ma jidhirx li kien ser ikun hemm problema dwar dan. Is-Sindku qalet però li iktar milli quddiem ir-ristorant li hemm fi Triq San Publju, tipproponi li l-isleeping policeman iktar għandha tiġi installata ħdejn il-Knisja, int u ddur lejn Triq San Publju minħabba li l-vetturi kienu qed joħorġu minn hemm bl-addoċċ.

22.2.3.1. Is-Sindku nformat ukoll li kienet qed tiddiskuti ma' Infrastructure Malta il-problema li hemm fi Triq l-Isqof Mauro Caruana c/w Triq is-Suq. Hija qalet li meta sar il-bini jaf kien sar b'tali mod li l-ilma jxaqleb naħa waħda.

22.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 21.8 u informa li kienet intbagħtet korrispondenza dwar il-mozzjoni mressqa fil-laqgħa preċedenti lil Transport Malta.

## 22.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

22.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-installazzjoni ta' bus shelters offruta minn żewġ kumpaniji. Is-Sindku nformat li l-Kunsill kellu jagħżel bejn iż-żewġ kumpaniji iżda dawn il-bus shelters ma kienu ser jiswew xejn lill-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi mal-kumpanija Street Media sabiex tieħu ħsieb l-installazzjoni tal-ħames bus shelters li hemm fil-lokalità, primarjament sabiex il-bus shelters ikunu kollha l-istess.

22.3.2. Is-Sindku DSH ressqet xi punti mressqa mill-Kunsillier JAE dwar il-laqgħa li nżammet mal-iżviluppatur tal-app tal-lokalità. Hija talbet lill-Kunsillier JAE sabiex jispjega fuq fuq.

22.3.2.1. Il-Kunsillier JAE informa li l-app kienet tlestiet u setgħet tiġi downloaded permezz ta' QR code u anke tramite link. Huwa qal li għalissa l-app kienet għadha ma tinstabx fuq Google Play minħabba li kien hemm xi dewmien minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija.

22.3.2.2. Il-Kunsillier JAE qal li kien sar ħafna reklamar tal-app inkluż filmat li ttella' fuq Facebook u Instagram.

22.3.2.3. Il-Kunsillier stieden lill-kunsilliera sabiex iressqu xi suġġerimenti ta' x'jixtiequ jaraw fuq l-app. Kien hemm qbil li l-app tibqa' sempliċi sabiex tiffoka iktar fuq is-servizzi offruti mill-Kunsill u għalhekk informazzjoni relatata ma' storja kellha tibqa' tiġi aċċessata permezz tas-sit tal-kunsill.

22.3.2.4. Is-Sindku ssuġġeriet li jiżdied ukoll link għall-isky cams. Il-Kunsillier JAE qal li għandu jieħu ħsieb jikkuntattja lil min jieħu ħsieb il-website sabiex jara li kollox jiffunzjona sew.

22.3.2.5. Is-SE issuġġerixxa li ssir mini campaign tal-paġna tal-Kunsill. Huwa qal li jista' jiġi ssettjat target ta' per eżempju, żewġ posts fil-ġimgħa li mbagħad jiġu boosted sabiex ikunu iktar aċċessibbli għan-nies. Il-Kunsill qabel li għandu jindaga dwar kif jista' jsir dan.

22.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Go to Carts fejn talbu permess sabiex jitwaħħlu stickers biex tinżamm id-distanza quddiem il-parking spots tal-vetturi tagħhom. Il-Kunsill qabel li tali talba għandha tiġi kunsidrata iktar tard.

22.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Patrijiet Franġiskani tal-Floriana fejn offrew lill-Kunsill li tiġi organizzata attività konġunta meta jiġi inawgurat l-anġlu li ser jitwaħħal quddiem il-bieb tal-kappella. Il-Kunsill qabel sa massimu ta' €450.

22.3.5. Is-Sindku ippreżentat quddiem il-Kunsill riċevuta tal-pagament tad-donazzjoni tal-onorarja tagħha fil-fond tal-Covid-19. Il-Kunsill innota dan.

22.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza minn Grupp Ħidma San Publju li nformaw lill-Kunsill li kienet ser tinħareġ ħarġa speċjali tal-kampjonat 2020 u offrew lill-Kunsill sabiex jirreklama f'din il-ħarġa. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika magħhom jekk hux ser issir edizzjoni speċjali oħra qabel ma tittieħed deċiżjoni.

## 22.4 RAPPORTI

22.4.1. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li kien attenda laqgħa dwar slow streams fejn ġiet diskussa l-possibbiltà li l-Kunsill jagħżel post fil-lokalità li għal xi żmien jinbidel f'pedestrian area. Huwa qal li hemm grupp t'esperti li jiġu fuq is-sit u jagħmlu rapport huma. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mir-Reġjun Xlokk sabiex il-kunsilli ma jiffirmaw l-ebda ftehim għalissa sakemm ikun hemm konferma mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienu ser jiffinanzjaw din l-attività huma.

22.4.1.1. Il-Kunsillier VB propona li ż-żona proposta għandha tkun Triq Sant'Anna, direzzjoni Belt Valletta.

22.4.2. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li kien attenda laqgħa rigward fondi disponibbli biex jintużaw favur inizjattivi għall-ħarsien tal-annimali. Il-Kunsillier VB informa li n-neutering m'għadux jaqa' taħt dawn il-fondi iżda hemm lista ta' affarijiet li għalihom jista' japplika l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dawn il-fondi li fil-massimu tagħhom jammontaw għal €8000.

22.4.2.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jesplora l-idea li jsir dog park permezz ta' din l-iskema. Il-Kunsill innota wkoll però li tali fondi ma kienux ikopru il-manutenzjoni tal-proġett u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-Ministru għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo sabiex jiddiskuti din il-proposta.

22.4.3. Is-Sindku ressqet rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq is-sistema tad-Drenaġġ fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u japprova l-orħos offertà li kienet dik ta' tenderer nru 132666.

## 22.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

22.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-fire station li qed tiġi proposta fil-lokalità. Huwa qal li kien iltaqa' mal-Perit li kienet urietu xi pjanti iżda kien imħasseb minħabba li ma kienx hemm pjanta li tirrifletti l-viżwal ta' kif se tidher min-naħa tal-Pietà.

22.5.2. Is-SE qal li tali proposta kienet taqa' taħt kundizzjonijiet ta' sigurtà nazzjonali u li l-Kostituzzjoni ta' Malta kienet tagħti d-dritt li ma tingħatax informazzjoni kunfidenzjali.

22.5.3. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill kien diġà oġġezzjona għal din l-applikazzjoni u ma jħossx li kien ġust li l-Kunsill ma kienx ġie kkonsultat jew mitlub laqgħa.

22.5.4. Is-Sindku qalet li s-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali kienet irtirat l-oġġezzjoni tagħha għal dan il-proġett.

22.5.5. Il-Kunsillier JAE sostna li jħoss li l-Kunsill kellu jagħmel l-almu tiegħu sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni tal-mod kif ġiet trattata l-lokalità fl-iżvilupp tal-bini tal-AFM.

Huwa qal li l-Kunsill għandu jitlob b'mod uffiċjali li jingħata pjanta ta' kif ser jidher tali żvilupp mill-Imsida.

22.5.6. Is-Sindku qalet li fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali rarament tingħata tali informazzjoni. Hija żiedet tgħid li jekk dan il-proġett isir, kien ser jibbenefika lil-lokalità f'każ li jinqala' xi ħaġa.

22.5.7. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jiltaqa' ma' min hu responsabbli sabiex jiddiskuti dawn il-fatturi u jipprova jintlaħaq ftehim. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jinvolvi l-Perit tiegħu għalkemm jifhem li s-sigurtà nazzjonali tingħata prijorità.

22.5.8. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux jitħawwlu xi pjanti fil-pots li hemm maġenb il-Knisja minħabba li dawn kienu qed jintużaw bħala dustbin. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur.

22.5.9. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-kuntrattur jistax jintalab inaddaf l-ispralli. Is-Sindku wieġbet li t-tindif ġeneralment jibda' jsir għall-ħabta ta' Settembru.

22.5.10. Il-Kunsillier VB staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-problema tal-binja ta' Triq is-Suq. Is-Sindku wieġbet li kienet ser terġa' tkellem lill-Infrastructure Malta.

22.5.11. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax jintbagħat fuljett jew tfakkira lir-residenti bil-ħinijiet li jinġabar l-iskart. Il-Kunsill qabel.

22.5.12. Il-Kunsillier JAE ressaq ilment mingħand resident fi Triq l-Imħażen fejn informa li kien hemm persuna qed titma' l-qtates fuq l-għetiebi tad-djar, anke fuq dawk ta' djar li huma abitati. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jkun aħjar jekk ir-resident jagħmel sinjal mad-dar li d-dar kienet abitata u għalhekk m'għandux jibqa' jsir feeding fuq l-għatba tad-dar tiegħu.

## 22.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

22.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

22.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 13/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

22.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 22.8 PROĠETT KG5

22.8.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-installazzjoni tal-bandli kienet kważi kompluta ħlief għall-parti li għadha trid tiġi koperta bit-tapit minħabba li ma kienx serva u kellu jerġa' jiġi ordnat.

22.8.2. Is-Sindku qalet li x-xogħol fuq is-sistema tal-elettriku kien miexi sew ukoll. Hija qalet li kien għad jonqos li tiġi konkluża s-sejħa għall-offerti tal-pole bases minħabba li din is-sejħa kellha terġa' toħroġ minħabba żball li kien sar fis-sejħa oriġinali.

22.8.3. Is-Sindku nformat li kien għad fadal li jsir il-piċċ li dwaru kienet għadha qed tistenna parir mill-Perit.

22.8.4. Il-Kunsillier JAE talab li ssir notifika li x-xogħol fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien għadu għaddej u li l-proġett kien għadu mhux lest. Il-Kunsill qabel.

22.8.5. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-bankijiet ta' Ġnien il-Mall ma kienux ser jingħataw lill-Kunsill u li kienu ser iżommuhom huma. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx ser jinbidel xi ħaġa fi Ġnien il-Mall wara li jiġi restawrat. Is-Sindku nformat li kien ser jibqa' kollox kif inhu li l-monumenti kienu qed jinqalgħu biex jiġu restawrati u eventwalment ser jerġgħu jitwaħħlu kif kienu.

## 22.9 ĠENNA TA' ĠONNA

22.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna li ssir ta' kull sena. Hija qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk tali attività hux ser tinżamm minħabba li ż-żmien kien qed joqrob.

22.9.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-attività għandha ssir b'limitazzjonijiet u b'kunsiderazzjonijiet għas-saħħa.

## 22.10 INNU TAL-LOKALITÀ

22.10.1. Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-innu kien inkiteb u kienet inkitbet ukoll il-mużika li takkumpanjah. Is-Sindku qrat il-kliem tal-innu finali.

22.10.2. Is-Sindku nformat li s-Surmast Heathcliffe Balzan kellu jipprovdi kwotazzjoni lill-Kunsill sabiex l-innu jiġi rekordjat. Hija qalet li għandha tiċċirkola din il-kwotazzjoni appena tirċeviha.

## 22.11 MOBILE TOILETS TAĦT IL-FORKA

22.11.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-mobile toilets li ssoltu jitpoġġew taħt il-Forka. Hija proponiet li l-Kunsill jerġa' jikri mobile toilets issa li kienu ġew imneħħija r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija, u n-nies kienu qed jerġgħu jiffrekwentaw iż-żona. Il-Kunsill qabel.

## 22.12 ATTIVITAJIET JUM IL-FLORIANA

22.12.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-premjijiet li ssoltu jingħataw matul Jum il-Floriana. Hija qalet li kien bix-xieraq li li Ġieħ il-Floriana jingħata xorta waħda anke issa li l-pellegrinaġġ kien ser isir. Il-Kunsill qabel li għandha ssir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu 2020.

22.12.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li Ġieħ il-Floriana għandu jingħata lill-frontliners għas-sehem indispensabbli tagħhom matul din il-pandemija.

## 22.13 ARBLU TAL-LOKALITÀ

22.13.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-proposta tal-Kunsill li jiġi installat arblu fi Triq Sant'Anna.

22.13.2. Hija qalet li kienet tkellmet mal-Perit tal-Kunsill li kien informaha li l-ewwel irid jiġi determinat x'tip ta' bandiera hemm bżonn u x'arblu jrid isir. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet ma' persuna intiża f'dan ix-xogħol li għandha ttiha risposta dalwaqt.

## 22.14 MOBILE APPLICATION

22.14.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement f'materja nru 22.3.2.

## 22.15 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

22.15.1. Il-laqgħa intemmet fl-3.40pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 3 t'Awwissu 2020 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | Kevin Borg |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |